MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Numru 180/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**vs**
**Carmelo sive Salvatore Ciranna**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Carmelo sive Salvatore Ciranna** ta' 30 sena, bin Saverio u Vasile nee' Corrado, mwieled Siracusa nhar l-14 ta' Mejju, 1975, residenti 'Borg Flats', Flt 3, Triq Psaila, Birkirkara w detentur tal-karta ta' l-identita' Taljana bin-numru AH 9785059;

1. Talli fir-Rabat nhar it-18 ta' Jannar, 2006, bejn id-disgha ta' filghodu u s-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar ikkommetta serq mill-fond bin-numru 47 sitwat fi Triq Vjal il-Haddiem, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz,

bil-lok u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaccediex l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Brian u Maria Giordmaina. ***[Art 261, 263 (a), 265, 269(g) u 267 ta’ Kap 9]***

2. u aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanz, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-hamsin lira Maltin ***[Art. 325(1)(c) ta’ Kap 9]***

3. u aktar talli fin-Naxxar fil-jiem ta’ bejn id-9 u t-12 ta’ Jannar, 2006, ikkommetta serq mill-fond Sunshine House, sitwat fi Triq ir-Ramla, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaccediex l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Bernard Bonnici ***[Art. 261, 263 (a), 265, 269 (g) u 267 ta’ Kap 9]***

4. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-hamsin lira Maltin ***[Art. 325 (1)(c) ta’ Kap 9]***

5. U aktar talli fis-Swieqi, fit-13 ta’ Frar, 2006 bejn id-disgha neqsin kwart ta’ filghodu u s-saghtejn ta’ wara nofsinhar, ikkommetta serq mill-fond Rosamon, sitwat fi Triq ta’ l-Ghoqod, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaccediex l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Patricia Ferro ***[Art 261, 263 (a), 265, 269 (g) u 267 ta’ Kap 9]***

6. u aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-hamsin lira Maltin ***[Art. 325(1)(c) ta’ Kap 9]***

7. u aktar talli sar recidiv ai termini t’ Artikoli 49, 50 u 289 (1) ta’ Kap. 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D fit-23 ta’ Jannar, 2001, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tigi mibdula.

Rat il-Kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261 (b), (c) u (e), 263, 267, 269, 278, 279 u 280 , 325 (c), 17 (b), (h) u 18, 49 u 50  tal-Kap9;

Rat il-fedina penali tal-imptuat;

Tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ erba snin mil-lum komputat ai termini tal-artikolu 18 u 17 (b) tal-Kap 9;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------